**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2017

Rikors Guramentat numru : 405/09 AL

A B

vs

Carmen B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu jippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Dicembru, 1995 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A') u minn dan iz-zwieg kellhom zewg itfal – Y u Z, ahwa B, li ghandhom hdax (11) u ghaxar (10) snin rispetivament (vide certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B' u 'C');
2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba ingurji gravi, minacci, theddid u sevizzi da parti tal-konvenuta illi tahti hi ghall-firda ta' bejn il-kontendenti,

u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Illi minhabba l-agir tal-konvenuta l-attur ma kellu ebda triq ohra ghajr dik li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali sabiex jigu evitati incidenti inutili;
4. Illi dan il-kaz gie riferut ghall-medjazzjoni izda tali medjazzjoni ma wasslitx ghall-konkluzjoni ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk din il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza ghal separazzjoni legali fit-termini imposti mil-ligi;
5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
6. Illi l-attur jaf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati;

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

(ii) Tiddikjara illi l-konvenuta hija unikament hatja ghall-firda tal-kontendenti minhabba adulterju, theddid u/jew minacci u/jew ingurji gravi minnha perpetrati u/jew ragunijiet serji ohra accettabbli fil-ligi, u dan a tenur tal-artikoli 38 u 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iii) Konsegwentement tikkommina u tapplika kontra l-konvenuta dawk l-effetti prefissi fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'dan illi b'effett mid-data tas-sentenza kull akkwist maghmul ghandu jibqa' proprjeta' esklussiva tal-parti li tkun ghamlitu u kull obbligazzjoni assunta tibqa' a karigu tal-parti li tkun ikkuntrattatha, u dan a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(v) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg kontendenti, okorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi u tiddividiha f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, u tassenja porzjon minnhom, li, f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-ahjar porzjon, lill-attur, u l-porzjon l-iehor, li, f'kaz ta' disparita', ghandu jkun l-izghar porzjon, lill-konvenuta hatja tal-firda u dan anke

bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet menzjonati fit-tielet (3) talba;

(vi) Tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u sabiex jaghmel dak kollu illi huwa mehtieg, incidentali u/jew ancillari ghal dan l-iskop;

(vii) Tinnnomina kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenuta fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

(viii) Tordna lill-konvenuta sabiex tassenja lill-attur l-proprjeta' dotali u parafernali kollha tieghu;

(ix) Tiddeciedi u taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha mehtiega u opportuni in rigward tal-awtorita' parentali, il-kura u kustodja, l-access u l-manteniment ghall-ulied minuri Y u Z, ahwa B;

(x) Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra s-sentenza ta' separazzjoni personali meta din tkun saret *res judicata,* u dan a tenur tal-artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(xi) Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha opportuni illi din il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhrilha li jkunu hekk mehtiega ghat-twettiq shih u sewwa ta' dan il-gudizzju;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: (fol. 27)

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Dicembru, 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied senjatament Y u Z, ahwa B, li llum ghandhom hdax (11) u ghaxar (10) snin rispettivament;

2. Illi l-eccipjenti taqbel ma' l-ewwel talba tal-attur fis-sens illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

3. Illi t-tieni talba attrici ghadha tigi michuda stante illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma' tkissirx irrimedjabilment ghar-ragunijiet unikament imputtabbli lilha izda ghaliex ghall-kuntlarju z-zwieg *de quo* tfarrak irrimedjabilment u l-hajja konjugali m'ghadiex ghalhekk aktar possibbli stante illi l-attur irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, theddid, ingurji gravi, abbandun, vjolenza psikologika kif ukoll ta' adulterju flagranti fil-konfront ta' martu l-konvenuta u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-konvenuta mhix responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet, anzi huwa l-attur unikament responsabbli ghal tali tkissir u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-eccipjenti taqbel mar-raba' talba tal-attur sa fejn huwa talab illi l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi xolta u li kwalunkwe akkwist ghandu, sa mid-data tas-sentenza tas-separazzjoni personali, jkun propjeta' eskluzziva tal-parti li tkun ghamlet tali akkwist u li kull obbligazzjoni assunta ghandha tibqa' a karigu tal-kontraenti;

6. Illi in kwantu l-hames talba attrici l-konvenuta taqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi likwidata u sussegwentement diviza f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attur u wahda lill-konvenuta, pero' l-konvenuta ma taqbilx illi tali divizjoni ghandha ssir f'zewg porzjonijiet mhux ugwali u lanqas ma taqbel illi hija ghandha tigi assenjata l-izghar porzjoni, anzi ghall-kuntlarju, fl-opinjoni taghha huwa l-attur innifsu illi tilef il-jedd tieghu ghall-maggior parti tal-komunjoni tal-akkwisti u dan minhabba l-agir irresponsabbli tal-attur innifsu fil-konfront tal-konvenuta kif ser jigi trattat waqt il-kawza u ghalhekk huwa ghandu jitqies hati tal-firda;

7. Illi l-eccipjenti taqbel mas-sitta u s-seba' talbiet attrici;

8. Illi l-eccipjenti ma taqbilx mat-tminn talba attrici stante illi l-attur m'ghandu ebda proprjeta' dotali x'jiehu lura peress illi fil-mument taz-zwieg huwa ma kellux dota u in oltre tirrileva illi l-attur kellu biss, bhala proprjeta' parafernali, porzjon art li tinsab fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Ganza, Zejtun li l-attur ha b'enfitewsi ghal bini ta' garaxx, liema garaxx inbena sussegwentement matul iz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ai termini ta' kuntratt datat 17 ta' Awissu, 1994 in atti Nutar Dottor Vincent Miceli li ghal kull buon fini kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala '**Dok. CB 1**';

9. Illi in kwantu d-disa' talba attrici l-eccipjenti temmen illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata unikament lilha waqt illi l-missier ikollu dritt ghall-access illimitat;

10. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-konvenuta.

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi, inkluż ir-ritratti u r-recordings fuq DVDs.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Barbara O'Brien u Dr. Anna Mallia, kif ukoll id-dokumenti hemmhekk esebiti.

Rat l-atti kollha.

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess il-31 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex it-talba għal separazzjoni,

fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għal pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, sostitwita b'kawża ta' divorzju. Jiġi nnotat li m'hemm ebda kontro-talba da parti tal-intimata. Issir referenza għar-rikors promotur u n-nota ġuramentata[2] li permezz tagħha l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, theddid u/jew minaċċi u/jew inġurji gravi;
2. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;
3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti;
4. Tordna lill-konvenuta sabiex tassenjalu l-propjeta dotali u parafernali tiegħu;
5. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri Y u Z;

### 1. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

### 1.1 L-allegati tortijiet tal-konvenuta

Fin-nota ġuramentata tiegħu, l-attur jallega illi martu kienet tonqos kompletament mid-dmirijiet tagħha ta' mara miżżewġa

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Fol. 19 et seq.

inkluż fil-ħajja sesswali; tberbaq u tisparpalja l-flus; ma tieħux ħsieb id-dar u l-bżonnijiet tad-dar u tal-familja u tqattagħlu ħwejġu;

Permezz tal-affidavit tiegħu[3], ir-**rikorrenti** jirrakkonta kif meta lestew il-post, ossia d-dar matrimonjali, il-konvenuta kienet qaltlu li jekk ma jmurx ħuha diżabbli jgħix magħhom, hija ma riditx tmur tgħix fid-dar li kellha tkun id-dar matrimonjali. Meta mbagħad il-partijiet kellhom it-tfal, lil ħuha bdiet xi drabi saħasitra traqqdu fis-sodda matrimonjali fil-post tal-konvenut.

Jgħid illi lill-konvenuta kien jgħaddilha l-qligħ kollu tiegħu mill-impjieg *full-time* u nofs dak li kien jaqla' mill-*part-time* u għalhekk b'kollox jikkalkula li kien jgħaddilha Lm600. Hi kienet tixtri affarijiet għalxejn, mingħajr biss ma kienet tużahom. *"Darba minnhom xtrat salott, wara xahar u ġimgħa mort id-dar u ma sibtux. Meta staqsejtha qaltli li kienet tagħtu lil ommha għax ma bediex jogħġobha."* Meta ġie biex jitlaq mid-dar ma sab xejn imfaddal fil-kont konġunt tal-partijiet. Il-konvenuta tiċħad l-allegazzjoni li hija tberbaq il-flus, issib il-verżjoni tal-attur fejn jgħajjarha li kienet tixtri mill-Car Boot Sale bħala waħda kontradittorja – jew tberbaq jew qammiela? Issostni li hija dejjem amministrat il-flus b'għaqal u li l-infiq tagħha kien ikun dejjem dirett lejn il-bżonnijiet tal-familja.

Jilmenta illi l-attriċi minkejja li kienet tnaddaf id-dar, ma kinitx issajjar u dan bl-iskuża li kienet taħdem *full-time*. Huwa kien jaħdem kemm *full time* kif ukoll *part-time* u xi drabi kien ikollu jibda jsajjar hu wara x-xogħol. Il-ħwejjeġ ġieli ħasilhom hu jew omm il-konvenuta. Anke meta waqgħet bir-*reduced hours* wara li kellhom it-tfal, xorta waħda ma kinitx issajjar, għajr xi ikel lit-tfal. Anke fil-jum tal-Ħadd, jew issajjar ommha, inkella jsajjar il-konvenut. Dwar din l-allegazzjoni, l-attriċi tgħid li hija rrikorriet għall-għajnuna t'ommha meta tkun xogħol jew ma tiflaħx. Mill-bqija dejjem ħadet ħsieb darha u l-familja tagħha. Żewġha *"kien ta' kuljum isib id-dar intatta, ħwejġu nodfa u platt sħun jistennih"*[4]. Pero' mix-xiehda ta' Noel Xerri mill-Fondazzjoni

[3] Ara fol. 22 tal-proċess
[4] Nota Ġuramentata tal-konvenuta fol. 40.

Oasi, jirriżulta li l-konvenuta kienet stqarret li mhux dejjem kienet issajjar id-dar.

Rigward ir-relazzjoni sesswali tagħhom, jgħid li ma kinitx waħda regolari. Meta imbagħad il-konvenuta ħarġet tqila bl-ewwel wild, ir-relazzjoni sesswali tagħhom spiċċat u kull meta kien ifittixha kienet tirrifjutah. Il-konvenuta ma taqbilx u tgħid li hija kienet taqdi d-dmirijiet tagħha lejn żewġha. Iżżid li hija ripetutament kienet tissokkombi ruħha għall-moqżiżati illi kien jitlob minnha żewġha, bħal penetrazzjoni anali meta tkun muġugħha, u penetrazzjoni b'oġġett tal-plastik.

L-attur jgħid li l-konvenuta kienet marida u kienet ħbietlu dan il-fatt. *"Kien hemm bosta okkażjonijiet meta kont insibha mixħuta mal-art, kważi mitlufa minn sensiha."* Meta kienet tqila, bdiet tagħmel taħtha bil-lejl, ħaġa li damet sejra sakemm huwa allontana ruħu mid-dar matrimonjali. Iżid li kienet tbati mill-Bulimia u li kienet ilha hekk minn mindu kellha sittax-il sena, iżda lilu ma kinitx urietu. Għaddiet ukoll minn post-natal depression.

**Noel Xerri**, mill-Fondazzjoni OASI[5], xehed illi l-konvenuta għamlet programm residenzjali li beda fil-21 t'April 1999[6], stante li kienet issofri minn *eating disorder* tal-bulimia. Hija daħlet għall-program volontarjament. L-effetti tal-kondizzjoni tal-bulimia hija li tingħalaq għalik waħdek, tkun irritabbli, nuqqas ta' saħħa fiżika u rqad irregolari. Il-konvenuta damet residenta sat-3 ta' Lulju 1999 u waqqfet il-programm f'Ottubru 1999 meta kellha tarbija ta' sitt'ijiem. Dwar l-involviment tal-attur, ix-xhud ikkonferma li l-attur kien imur jaraha darba f'ġimgħa Għawdex u jieħu miegħu kemm lil binthom kif ukoll lil ħu l-konvenuta. Kien iltaqa' mal-attur qabel ma l-konvenuta ġiet ammessa għall-programm biex issir l-evalwazzjoni jekk kellhiex bżonn tmur għall-programm. Il-*councillor* li kienet issegwiha nnotat li l-attur kien jikkopera, iżda osservat nuqqas kbir ta' komunikazzjoni u ppjanar bejn il-koppja.

---

[5] Xiehda mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O' Brien tat-30 ta' Ġunju 2012, fol. 48

[6] Il-konvenuta kellha tifla ta' ħmistax-il xahar u kienet tqila bit-tieni wild.

Jilmenta wkoll li l-konvenuta ma kinitx tkun trid lill-familja tiegħu jersqu lejn id-dar, fil-waqt illi l-familjari tagħha kienu deħlin u ħerġin, speċjalment meta jkun għax-xogħol, u jidħlu biċ-ċavetta. Lill-ġenituri tiegħu għall-ewwel uriethom bil-pulit li ma tridhomx hemmhekk, għax meta rarament kienu jmorru għandhom, kienet titlaq 'il barra. Bħala eżempju jsemmi li meta għamlet festin tal-Preċett għal binthom Z ma stiednet lil ħadd mill-familja tiegħu. Dan huwa korraborat mix-xiehda ta' **Frances Bianco**[7], oħt l-attur, li spjegat li ftit wara li twieldet it-tifla ż-żgħira Z il-konvenuta kienet ċemplitilha biex tavżaha sabiex il-ġenituri tagħha ma jmorrux iktar għandhom.

Xehdet ukoll omm l-attur, **Therese B**,[8] illi spjegat li l-konvenuta ma kellhiex pjaċir bihom ġewwa darha, minkejja li l-familja tagħha kienu regolarment id-dar tagħha. Huma min-naħa tagħhom baqgħu iġibulha rispett u anke żaruha meta kienet l-Isptar; *"Lili u lil żewġi lanqas meta binthom Z għamlet il-Preċett u għamlitilha party ma stednitna."* Iżżid *"Lil ibni kont nitħassru narah, dejjem imlibbes mitluq, dejjem jiġri bit-tfal u b'Rodrick (ħu l-konvenuta) miegħu, dejjem waħdu kull fejn imur għax hi kemm tibagħtu 'l barra bihom biex tibqa' rieqda d-dar. Min jaf kemm bkejt meta kien jiġi żewġi jgħidli li sabu rieqed il-garaxx jew li sabu jsajjar il-garaxx".* Il-verżjoni t'omm l-attur hija korraborata tista' tgħid verbatim minn missieru Anthony[9].

L-attur jgħid: *"Tlaqt minħabba l-affarijiet kollha li kienet tagħmel, mmur niekol u ma nsib xejn, ntiha l-paga u bla sold fil-but, nfittixha biex nagħmlu l-att taż-żwieġ u hi ma tridx."*[10]

## 1.2 L-Allegati tortijiet tal-attur

Min-naħa tagħha, l-attriċi permezz tar-risposta ġuramentata tagħha[11], tattribwixxi lil żewġha il-ħtijiet tal-eċċessi, sevizzi,

[7] Affidavit fol. 57
[8] Affidavit fol. 59
[9] Affidavit fol. 63
[10] Kontro-eżami tal-attur, Seduta tat-23 t'April 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 808
[11] Fol. 27 et seq.

theddid, inġurji gravi, abbandun, vjolenza psikoloġika kif ukoll adulterju flagranti fil-konfront tagħha.

L-ewwel ilment tal-konvenuta huwa li l-attur kien jaħdem wisq. Oltre x-xogħol fiss tiegħu, kien jagħmel ukoll żewġ xogħolijiet part-time, bil-konsegwenza illi l-konvenuta kienet tispiċċa weħidha għal ħinijiet twal, peress li żewġha kien idum ix-xogħol sa tard bil-lejl. Huwa qatt ma naqqas mix-xogħol, anke meta t-tobba tawh parir ikun iktar id-dar ,stante li l-konvenuta kienet għaddejja minn post-natal depression. Għalkemm il-konvenuta tammetti li kull sold li kien jaqla' kien jieħdu lejn id-dar.

Tilmenta wkoll li hi u t-tfal ma kienux il-prijorita fil-ħajja tal-attur, u anke meta mhux xogħol, huwa kien jagħżel li ma jqattax ħinu mal-familja. Anke l-familja tiegħu kienet iktar ta' prijorita' għalih minn martu u wliedu[12]. Lit-tfal A kien iwiegħdhom ħafna xorti li ser joħroġhom u li ser jilgħab magħhom, pero bi skuża jew oħra, dejjem sgiċċa fin fin minn dawn il-wegħdiet u t-tfal kienu jweġġgħu wisq għaliex kienu mixtieqa mmens illi missierhom ikun aktar preżenti f'ħajjithom. Dana jikkuntrasta ferm ma' dak illi qal l-attur fl-affidavit tiegħu, li huwa dejjem kellu lit-tfal jiġru miegħu.

Dwar l-adulterju, il-konvenuta tgħid illi diversi drabi ħafret lill-attur bil-għan illi ssalva ż-żwieġ, iżda żewġha baqa' għaddej bl-aġir irresponsabbli tiegħu. Tispjega illi hija kienet irċeviet ritratti ta' żewġha jiżfen ma' mara. Dan kien fl-2004.[13] Din il-mara kienet ċemplitilha lill-konvenuta u qaltilha, fost oħrajn, li lil żewġha, l-konvenuta ma kinitx taqdih. Qaltilha wkoll li l-konvenuta m'għandhiex dak li għandha hi. Kien ċemplilha wkoll żewġ din il-mara, ċertu Roderick Schembri, li kien spjegalha illi kien hemm relazzjoni bejn martu u żewġ il-konvenuta u li kienet ilha għaddejja żmien twil. Dan Roderick kien mar ifittex lill-konvenuta fuq il-post tax-xogħol biex iħeġġiġha jagħmlulhom l-għassa biex jaqbduhom.

[12] Bħala eżempju tgħid li missieru u t-tifel t'oħtu kellhom iċ-ċavetta tal-garaxx tagħhom , meta hija ma kellhiex.

[13] Xiehda mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fis-seduta tal-24 t'April 2013, fol. 628.

L-istess **Roderick Schembri**[14] ikkonferma illi huwa kien iltaqa' mal-konvenuta fuq il-post tax-xogħol tagħha. Dak kien fl-2005. *"Meta għidtilha fuq ir-ritratt staqsejtha tafx xi ħaġa u qaltli li ma taf xejn u tatni l-impressjoni li ma kienx jimpurtaha x'inhu jiġri u kont ħriġt diżappuntat ħafna bil-laqgħa. Niftakar li qaltli "l-importanti li dak li għandu jġibu lura d-dar."... l-kliem li qaltli fl-aħħar li semmejt niftakru żgur".*

A kien ammetta mal-konvenuta li kellu relazzjoni ma' din iċ-ċerta Sabrina Schembri minn Birkirkara. Min-naħa tagħha, l-konvenuta għażlet it-triq tal-maħfra bil-premessa li hu ma jerġax u li jbiddel l-attitudni tiegħu lejha u lejn it-tfal. Qattgħu madwar sentejn fil-kwiet fis-sens li A kien qed isib iktar ħin għall-familja, iżda mbagħad reġa waqa'. Beda jġib ħafna skużi bħal li qed jaħdem ta' bil-lejl biex jallontanta ruħu mid-dar matrimonjali. Wara ġurnata u lejl xogħol, kien imur lura d-dar mingħajr ħjiel ta' għejja u għalhekk il-konvenuta bdiet tissuspetta. Fl-istess żmien u cioe minn April 2009, il-paga ma baqax jeħodha d-dar u beda jġib l-iskużi li l-ADT qed tħallas b'lura jew li l-ADT hemm ħafna tgerfix fil-pagi. Jum minnhom ċemplet l-ADT biex tara x'qed jiġri u kienu nfurmawha li l-paga ta' A kienet qed toħroġ regolarment u kienet qed tmur l-indirizz t'ommu.

Darba minnhom wara li għadda weekend Għawdex, iżda baqa' ma ġiex lura, hija ċemplet lil missieru biex tara jekk jafx xi ħaġa. Billi dan ma kienx jaf, marret l-għassa fejn ippruvaw jikkuntattjah u fil-fatt qabduh u qalilhom li kien ilu tliet snin ma jkollu x'jaqsam magħha. Bix-xokk kbir li ħadet instabtet fuq siġġu u qabditha ħafna rogħda tant li kellom iwassluha d-dar il-Pulizija. L-għada A kien ċemplilha fejn qalilha li ż-żwieġ tagħhom kien spiċċa u li kellhom jitkellmu biss bl-avukati. Minn dak in-nhar, A qata' kull kuntatt magħha u mat-tfal.[15] L-attur

[14] Xiehda mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fis-seduta tal-24 t'April 2013, fol. 627.

[15] Il-verżjoni tal-attriċi hija korraborata minn diversi affidavits: ta' ommha Mary Rose Camilleri, fol. 426; ta' ħuha Angelo Camilleri, fol. 434; ta' Joan Battista sive Jane Caruana fol. 438; ta' Aine sive Jessie Montebello, fol. 440; ta' Aine Mary sive Josette Ciappara, fol. 443; ta' Lorenza Bonavia, Fol. 444; ta' Dr. Sandra Vella Briffa, fol. 448 u ta' Victoria Bondin, fol. 450.

min-naħa tiegħu dejjem insista li hu ma bediex ir-relazzjoni tiegħu ma' Sabrina qabel telaq mid-dar.[16]

Il-konvenuta hija mweġġa` mill-fatt li żewġha, sabiex ikompli bir-relazzjoni tiegħu mas-sieħba tiegħu, tilef kull interess f'uliedu minuri. Huwa ma jikkuntattjahomx minkejja li hija għaddietlu n-numru taċ-ċellulari tagħhom, biex ma jkollux ħtieġa tal-intervent tagħha biex ikellimhom. Ma baqax jattendi għall-parents day jew għall-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Hija mweġġa` li qed irabbi lil bint is-sieħba tiegħu daqs li kieku bintu fil-waqt li ma jagħtix attenzjoni lil uliedu.

Illi kif jirriżulta mis-suespost, il-verżjonijiet tal-partijiet huma għal kollox diverġenti.

L-ikbar diverġenza, pero`, hija dwar il-mument li l-partijiet infirdu *de facto*. L-attur jgħid illi huwa allontana ruħu mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2007. *"Huwa telaq mid-dar matrimonjali fl-1 t'Ottubru 2007 u għex mal-ġenituri tiegħu sa Diċembru 2008."*[17] Il-konvenuta tgħid li dan m'huwiex minnu u li kien f' Awwissu 2009 li l-attur allontana ruħu mid-dar matrimonjali. L-attur jgħid illi huwa għamel xi sena u nofs / sentejn jgħix mal-ġenituri tiegħu qabel ma daħal jirrisjedi mas-sieħba tiegħu. Il-ġenituri tiegħu jikkorraboraw dan fl-affidavits tagħhom. Fi kliem ommu Therese B[18]: *"Għall-ewwel li telaq mid-dar u A kien għadu jgħix magħna..."* Fi kliem missieru *"kienu għaddew xi sena u nofs minn meta ibni telaq mid-dar meta f'salt fid-9 t'Awwissu 2009, ċemplet Carmen id-dar issaqsi għal A u wara sirna nafu li kienet irrapurtatu missing għand il-pulizija.*[19]"

Il-konvenuta tinsisti li dan m'huwiex minnu u li l-attur s'Awwissu 2009 kien għadu regolarment jgħix id-dar, għalkemm kien spiss ikun barra mid-dar allegatament fuq xogħol. Il-konvenuta tippreżenta serje ta' ritratti, li jindikaw illi almenu sa Ġunju

---

[16] Kontro-eżami ta' A B tat-22 ta' Settembru 2014, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 911
[17] Fol. 387
[18] Affidavit fol. 60
[19] Affidavit ta' Anthony B, fol. 65

2009, kien għadu jiffrekwenta d-dar matrimonjali. L-attur jgħid li d-dati fuq ir-ritratti huma mbagħbsa.

Il-Qorti ma taqbilx u hija tal-fehma li d-dati fuq ir-ritratti huma veritieri. Dan il-Qorti tisiltu mill-fatt li r-ritratt Dok. CB 8 huwa ddatat 10/16/2007 ossia s-sittax t'Ottubru 2007, liema ritratt jindika li qed jiġi ċċelebrat għeluq it-tmien (8) sena tat-tieni tifla. Fil-fatt, jirriżulta li huwa minnu li f'din id-data, Raiza għalqet tmien snin, peress li hija twieldet fis-16 t'Ottubru 1999. Mid-dokumenti esebiti fol. 360 u 361, iddatati l-10 ta' Ġunju 2008 u 3 t'Ottubru 2008 jirreferu għal "Bużu ta' Ninu" – L-attur huwa "Bużu" u iben "Ninu".

Il-Qorti tosserva wkoll illi t-ton tal-affidavits tan-naħa attriċi. Partikolarment l-affidavit ta' ommu huwa wisq iebes fil-konfront tal-attriċi, li jqarreb lejn l-esaġerat: *"kienet hi l-kaġun ta' dak kollu li ġralhom għax lil ibni qatt ma tat kasu u dejjem tagħtu bis-sieq u stmatu ħażin."* Anke l-fatt li hija u żewġha jintroduċu ruħhom fl-affidavit bħala l-kunjati tal-konvenuta, mhux il-ġenituri tal-attur, mill-ewwel tinħass l-animożita tagħhom, b'tali mod li ma tantx jistgħu jitqiesu bħala xhieda oġġettivi. Min-naħa tagħha l-konvenuta, dak li huwa tajjeb fl-attur, ma ddejqitx tgħidu fl-affidavit tagħha.

### 1.3 Prinċipji Legali

### Dwar l-Adulterju

Mir-rikors promotur u r-risposta ġuramentata jirriżulta illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta jattribwixxu lil xulxin il-ħtija tal-adulterju. L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[20] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[21]

---

[20] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[21] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[22] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

Minkejja li indizji huma biżżejjed sabiex jiġi ppruvat l-adulterju, tali ndizji jridu jkunu gravi biżżejjed sabiex ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-ġudikant.

**Dwar it-Theddid u/jew Minaċċi u/jew Inġurji Gravi**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[23] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[24] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu

---

[22] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

[23] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[24] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[25] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[26]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

Il-konvenuta taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza psikoloġika. Dwar dawn *"Il-ligi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mgieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."*[27]

### Dwar l-Abbandun

***"41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."***[28]

---

[25] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[26] Vol. XLV C.ii.708

[27] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili, 21 ta' Frar 1969

[28] Artiklu 41 tal-Kodiċi Ċivili , Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rigward l-abbandun, kemm miċ-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna il-kriterji għal dikjarazzjoni ta' firda personali a bażi ta' abbandun huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[29] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kritrerji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Aine Anne Edwards vs. Avukat Dr. A Xuereb noe.[30] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

### 1.4 Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

---

[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

Rigward il-ħtijiet għat-tkissir taż-żwieġ, m'hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenuta huwa tali li jirrendiha parzjalment ħatja għat-tkissir taż-żwieġ. Fl-ewwel lok, l-insistenza tagħha li ħuha, persuna b'diżabilita', jgħix mal-partijiet b'mod permanenti (meta l-ġenituri tiegħu huma t-tnejn ħajjin u għandu diversi aħwa oħra), xejn ma' kien ta' benefiċċju għaż-żwieġ, għaliex il-konjuġi sija fl-għerusija tagħhom u wkoll meta kienu għadhom bla tfal, qatt ma kellhom ħinijiet ta' privatezza weħidhom flimkien. Kif jidhru d-diversi ritratti esebiti[31] it-tifel kien magħhom kontinwament u saħansitra f'ċertu stadju taż-żwieġ, kien jorqod fis-sodda tal-konvenuta minflok żewġha!!! Kien sevizzjuż ukoll l-aġir tagħha li tirrifjuta l-familja ta' żewġha ġewwa darha.

Inoltre jirriżulta li l-konvenuta naqset minn ċerti dmirijiet matrimonjali, bħalma huma t-tisjir, oltre milli żżomm rapport sesswali regolari ma' żewġha. Il-Qorti tifhem li l-konvenuta setgħet kienet għajjiena biex tlaħħaq mat-tfal u max-xogħol *full-time* imma l-attur kien ikun daqstant għejjien bi tliet xogħolijiet. Inoltre kien hemm ċertu indifferenza fil-konfront ta' żewġha li huwa kien iħoss li meta jidħol hu d-dar, qisu ma daħal ħadd. Fil-kawża Marianna Attard vs. Achille Attard[32], ġie ritenut illi "*un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale*"; Fil-każ odjern, jidher li huwa veritier dak allegat mill-attur, li l-konvenuta kienet iktar interessata mill-paga tiegħu milli mill-benessere tiegħu;

Għalhekk, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-attriċi bl-ebda mod ma nstabet ħatja ta' adulterju u minaċċi, kif ġie allegat minn żewġha, issibha ħatja ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront tiegħu.

Dwar il-ħtijiet tal-attur, il-Qorti hija tal-fehma li għandha provi u indizji biżżejjed quddiemha, sabiex jiġi stabbilit illi l-attur huwa ħati ta' adulterju fil-konfront ta' martu u li kienet ir-relazzjoni adultera tiegħu l-ikbar kawża tat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet.

---

[31] Bħala eżempju ara fol. 652, 656, 671 u 672

[32] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 1932; Vol. XXVIII P II p. 298,

Il-kawża ġiet intavolata f'Diċembru 2009 u sa April 2010 kien ċertament qiegħed jirrisjedi mas-sieħba tiegħu[33]. Il-Qorti qiegħda temmen il-verżjoni tal-konvenuta dwar kif seħħet is-separazzjoni de facto u ma temminx il-verżjoni tal-attur, li kien ilu sena u nofs jgħix mal-ġenituri tiegħu. Il-Qorti żżid illi l-adulterju, oltre li huwa l-kawżali l-iktar gravi għat-tifrik taż-żwieġ skont il-ġurisprudenza tagħna, qatt ma jista' jkun ġustifikat.

Inoltre, l-Qorti ssib li l-abbandun tal-konvenut t'uliedu (għalkemm ħallas manteniment b'mod regolari) bħala aġir ferm sevizzjuz u deplorabbli, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li kien qed irabbi lil bint is-sieħba tiegħu daqs li kienu bintu, u lil uliedu lanqas biss jikkuntattjahom jew isegwi l-andament tagħhom!

Għalhekk fil-waqt illi l-Qorti tiddikjara illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, it-tort huwa attribwibbli liż-żewġ partijiet, b'dana illi l-konvenuta għandha terz tat-tort u l-attur għandu żewġ terzi.

### 1.5 Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

[33] Kif jirriżulta mir-rapport tal-investigatur Oliver Abela fol. 915 et seq.

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[34]

Dwar it-talba għad-divorzju, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom de facto separati għal iktar minn seba' snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom. Il-kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-ulied ser tiġi trattata minn din il-Qorti iktar 'il quddiem;

## 2. Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi biex tintlaqa' din it-talba tal-attur, l-attriċi trid tiġi l-ewwel misjuba ħatja tal-abbandun jew tal-adulterju, stante li l-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[35];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

[34] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[35] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

L-artikoli 38 u 41 tal-istess Kodiċi huma l-artikoli relatati mal-abbandun u mal-adulterju. Illi meta l-ħtija tkun kawżali oħra, ossia l-kawżali komminati fl-Artikolu 40, l-Qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tapplika l-effetti tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi. Fil-każ odjern dan m'huwiex qed jiġi mitlub iżda, l-attur qed jitlob biss l-applikazzjoni tal-Artikolu 48.

Fil-każ odjern, it-tortijiet imputabbli lill-attriċi huma komminati fl-Artikolu 40 stante li l-konvenuta m'hijiex ħatja la ta' abbandun u lanqas ta' adulterju fil-konfront ta' żewġha, għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex f'pożizzjoni li tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 u għaldaqstant din it-talba tal-attur qed tiġi miċħuda;

Il-Qorti tosserva illi l-attur ma talabx manteniment mingħand martu u ddikjara li ma jridx iħallas manteniment għaliha. Min-naħa tagħha, l-konvenuta wkoll m'hijiex titlob manteniment għaliha mingħand żewġha.

3. **<u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Fl-ewwel lok, il-Qorti bis-saħħa tal-preżenti sentenza qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

L-istess komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

<u>3.1 Id-Dar Matrimonjali</u>

Id-dar tikkonsisti *f'solitary maisonette* bl-isem "Bucaro" nnumerata 18, fi Triq il-Kanonku Di Domenico, iż-Żejtun, bl-arja libera tagħha. B'effett ta' din is-sentenza, din m'għandhiex tibqa kkunsidrata bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

L-attur kien stmaha din id-dar bil-valur ta' €185,000[36] u l-konvenuta qablet ma' tali stima[37]. Lejn l-aħħar tal-proċeduri, il-konvenuta talbet stima *ex parte* tad-dar[38], fejn id-dar ġiet stmata bil-valur ta' €85,000.

Il-Qorti, tenut kont tal-ħtijiet taż-żewġ partijiet fit-tkissir taż-żwieġ, u tenut kont ukoll illi ż–żewġ partijiet jaħdmu u għandhom il-mezzi adegwati biex isibu akkomodazzjoni alternattiva, m'hijiex tal-fehma li takkorda xi dritt t'abitazzjoni lil xi parti iżda ser tordna kif ġej.

Peress illi l-Qorti għandha quddiemha stimi tassew diverġenti fil-valur tal-istess fond, il-Qorti tinnomina lill-Perit Arkitett Alan Saliba u tordnalu sabiex iżomm aċċess fl-imsemmija propjeta`, jivvalutaha fl-istat attwali tagħha u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu, fi żmien xahar mil-lum, fl-atti ta' dan il-proċess.

Il-konvenuta qed tingħata d-dritt sabiex fi żmien tliet xhur mil-lum tinforma lill-attur jekk tixtieqx tkun hi li tixtri u takkwista sehem l-attur mill-istess dar bil-prezz kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Fl-eventwalita` li l-konvenuta ma tipprevalixxiex ruħha minn dan id-dritt, hija għandha f'għeluq l-imsemmija tliet xhur, tiżgombra mill-istess fond u l-propjeta` għandha titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess dar, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sentejn mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta' fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Rachel Mallia bħala Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dr Victor Bugeja u il-Prokutatur Legali Alison Wadge bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

---

[36] Nota ġuramentata tal-attur, fol. 20.

[37] Nota ġuramentata tal-konvenuta fol. 43

[38] Valutazzjoni redatta mill-Perit Anthony Gatt, fol. 1124

## 3.2. Mobbli

Għamara, appliances u fajjenza li jinsabu fid-dar matrimonjali - Il-Qorti m'hijiex konsapevoli tal-konsistenza tal-istess mobbli u lanqas tal-valur tagħhom. Pero' jidher illi l-istess dar hija komda u attrezzata sewwa bil-kommoditajiet kollha meħtieġa. Permezz tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tordna illi l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar ġja d-dar matrimonjali jiġu assenjati *in toto* lill-konvenuta.

Bħala kumpens għal tali mobbli, l-attur ma jħallasx għall-arretrati li huma dovuti lil martu għall-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni ta' uliedhom (kif ser ikun elaborat iktar 'il quddiem).

## 3.3. Vetturi

L-attur jissottometti li l-partijiet għandhom żewġ vetturi u cioe Jeep li tiswa madwar €2,000 u Mini Minor li ġiet garaxxjata u tiswa ċirka €450. Il-konvenuta tistma l-Jeep ossia Suzuki Samurai, li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni CBB548, bil-valur ta' €1,900. Tistma l-Mini Minor tal-marka Austin bil-valur ta' €1,000. Mix-xiehda ta' Brian Farrugia[39], rappreżentant ta' **Transport Malta**, in-numru ta' reġistrazzjoni ta' din l-Austin huwa HAE929 u hija vettura tas-sena 1978.Il-vettura Suzuki Samurai hija tas-sena 1990. Irriżulta illi din l-istess vettura ġiet trasferita lil terzi fil-mori tal-kawża u cioe fit-8 ta' Novembru 2011[40].

Permezz tal-preżenti, l-Qorti qiegħda tassenja l-vettura Mini Minor bin-numru ta' reġistrazzjoni HAE929 lill-attur. Huwa inoltre diġa trasferixxa l-vettura Suzuki Samurai. Permezz tal-preżenti l-attur qed jiġi ordnat iħallas lill-konvenuta s-somma ta' elf u tliet mija (€1300) rappreżentati sehemha mill-valur tal-istess vetturi.

## 3.4. Poloz t'Assigurazzjoni

---

[39] Xiehda tal-4 ta' Novembru 2010, mogħtija quddiem l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Barbara O'Brien, fol. 81

[40] Dana jirriżulta mill-xiehda tal-istess Brian Farrugia mogħtija nhar l-24 t'April 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 581 u d-dokument ADT 1, fol. 590.

Il-partijiet għandhom żewġ poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja ma' Middlesea p.l.c.[41] li l-benefiċċjarji tagħhom huma t-tfal. L-ewwel polza intestata f'isem il-konjuġi B, nnumerata 43446 timmatura fit-8 ta' Lulju 2028 u l-benefiċċjarju tagħha hija Y. Il-polza l-oħra intestata f'isem il-konjuġi B, nnumerata 56117 timmatura fil-21 ta' Marzu 2030 u l-benefiċċjarju tagħha hija Raiza.

Il-konvenuta ressqet prova[42] illi sal-2009 il-premia relattivi għal dawn iż-żewġ poloz kieu jitħallsu mill-kont bankarju konġunt bejn il-partijiet, filwaqt illi mill-2010 'l quddiem dawna bdew jitħallsu mill-kont bankarju tagħha. Naturalment il-fondi li minnhom tħallsu l-istess poloz, anke jekk mill-kont bankarju tal-konvenuta, huma
appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Iżda peress li matul il-proċeduri l-konvenuta ħadet ħsieb li l-poloz jitħallsu regolarment, l-istess poloz qed jiġu assenjati lilha, bil-kondizzjoni li l-benefiċċjarji tal-istess poloz jibqgħu ulied il-partijiet.

## 3.5. Depożiti bankarji

Il-partijiet għandhom żewġ kontijiet konġunti ma' Bank of Valletta p.l.c.[43] L-attur għandu Visa Card ma Bank of Valletta p.l.c.[44] Il-konvenuta għandha kont bankarju ma' HSBC Bank Malta p.l.c.[45] u għandha sebgħa kontijiet bankarji ma' Bank of Valletta p.l.c.[46] (erbgħa minnhom huma intestati wkoll fuq uliedha.)

L-attur jallega illi l-konvenuta żbankat it-tfaddil kollu tagħhom qabel ma sseparat *de facto*. Dwar dan ma nġiebet ebda prova

[41] Ara d-dokumenti MV1 fol. 220 u 221, kif ukoll MSV 1 u MSV 2 fol.603 u 604.
[42] Ara l-istatements bankarji fol. 638 et seq.
[43] L-istatement tagħhom jinsabu immarkat Dok. BOV 1 u BOV 2 u esebiti fol. 99 sa fol. 137 tal-proċess
[44] L-istatement tagħha jinsab immarkat Dok. BOV 8, fol. 186 et seq.
[45] L-istatement tiegħu huwa mmarkat Dok. HSBC 1, fol.204 et seq.
[46] L-istatements tagħhom huma immarkati Dok. BOV 3, 4, 5, 6, 7 u 9, fol. 138 et seq.

suffiċjenti, għaliex ma nġibietx il-prova ta' min ħareġ iċ-ċekkijiet mill-kont korrenti, u għal-liema skop inħarġu.

Il-Qorti qiegħda tassenja lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet u d-debiti intestati f'ismu / isimha.

4. **Dwar il-Beni Dotali u Parafernali tal-Attur**

L-attur akkwista biċċa art fil-Qasam tad-Djar Ta' Ganza fiż-Żejtun, mingħand il-Gvern, b'titolu ta' emfitewsi temporanju għal ħamsin sena b'effett mit-13 ta' Ġunju 1994.[47] Il-konvenuta taqbel li l-garaxx mibni fuq l-istess art huwa parafernali tal-attur.

Il-Qorti tiddikjara illi l-imsemmi garaxx huwa parafernali tal-attur.

5. **Dwar il-Kura, l-Kustodja, l-Aċċess u l-Manteniment tal-minuri Y u Z B**

Il-partijiet għandhom żewġ ulied: Y imwielda fl-14 ta' Jannar 1998[48] u Z imwielda fis-16 t'Ottubru 1999[49].

Dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' uliedu, l-attur jgħid illi kull meta ma jkunx xogħol il-Ħadd, kien joħroġhom u jiġri bihom, iżda t-tfal kienu jgħajruh li qatt ma jeħodhom imkien u dejjem kienu jwarrbuh. "Kont nidħol id-dar qisu ma daħal ħadd"[50]

Inizjalment[51], l-attur kien aċċetta illi l-kura u l-kustodja tal-ulied tkun fdata lil martu. Huwa talab aċċess ampju u adegwat tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa, darba fost il-ġimgħa u darba matul il-weekend; Il-konvenuta kienet qablet li l-attur għandu jkollu aċċess adegwat għaliex kienet ferm imweġġgħa li żewġha

[47] Il-kuntratt tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli iddatat is-17 t'Awwissu 1994, huwa esebit fol. 31.
[48] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid fol. 6
[49] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid fol. 7
[50] Affidavit tal-attur, fol. 24
[51] Ara n-nota ġuramentata, fol. 19

qata' l-kuntatt kollu ma' ulied il-partijiet.[52] Minkejja dan, il-Qorti wara li semgħet it-tfal tramite l-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, m'akkordatx aċċess favur il-missier.

Y, llum hija maġġoreni u Raiza tagħlaq tmintax-il sena f'Ottubru li ġej. Stante l-qbil tal-partijiet, il-kura u l-kustodja ta' Raiza qed tiġi fdata f'idejn il-konvenuta. L-aċċess tal-attur isir jekk l-istess minuri tkun tixtieq u dan in vista taż-żmien twil li missierha ilu nieqes minn ħajjitha.

Rigward il-manteniment tal-istess ulied, l-attur inizjalment kien qed iħallas manteniment ta' €403 fix-xahar u kien dispost illi jibqa' jħallsu; Il-konvenuta qablet li żewġha kien qed iħallas dan il-mantenimet regolarment, iżda talbet li huwa jħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari li huma t-tagħlim tal-mużika, sports u scouting. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Diċembru 2010[53], il-Qorti ordnat lill-attur iħallas is-somma ta' €403 kull erba' ġimgħat għall-minuri. Dan id-digriet reġa ġie varjat permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ddatat 19 ta' Novembru 2013[54], illi permezz tiegħu l-attur ġie ordnat iħallas €500 fix-xahar bħala manteniment għaż-żewġ minuri oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tagħhom.

Il-Qorti tirrileva illi minkejja li l-attur dejjem stqarr li huwa dispost iħallas il-manteniment għal uliedu, huwa għamel diversi tentattivi (mill-inqas sitta) biex jiġi ridott il-manteniment stabbilit minn din il-Qorti u dana wara li l-Qorti tkun diġa ħadet konjizzjoni tar-risposti elaborati u sostanzjati tiegħu għar-rikorsi tal-konvenuta. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-attur iħoss li huwa jħallas żejjed għal uliedu għaliex il-€500 ordnat jeċċedi l-ammont ta' €200 għal kull wild li skont hu[55] normalment jiġi mħallas għal kull wild. Illi l-Qorti m'hija marbuta bl-ebda ċifra u bl-ebda prassi. Il-Qorti tqis kull każ skond iċ-ċirkostanzi tiegħu. Sabiex tikkonstata l-manteniment dovut għall-ulied, hija

[52] Nota ġuramentata tal-konvenuta fol. 42
[53] Fol. 316
[54] Fol. 797
[55] Ara r-rikors tiegħu fol. 1029

obbligata tevalwa l-**mezzi tal-partijiet** skond il-każ, kif ukoll il-**ħtiġijiet tal-ulied**.

L-attur jaħdem bħala *senior enforcement officer* ma' Transport Malta. Mill-FS3s[56] tiegħu, jirriżulta illi l-paga tiegħu bdiet minn dik nett annwali ta' Lm4477.31 (ekwivalenti għal €10,429) fis-sena 1996 u dejjem żdiedet gradwalment sakemm fl-2012 din laħħqet is-somma annwali ta' €26,769 gross. Huwa jaqla' fl-inċirka ta' €2000 kull xahar netti[57].

Il-konvenuta taħdem bħala *operational support worker* ġewwa l-Isptar Mater Dei u tgħid li għandha qligħ fiss fl-ammont ta' €800 fix-xahar. Mill-*payslips* tagħha[58], u mill-istatements bankarji[59], jirriżulta li xi drabi qalgħet madwar €900 u f'okkażjonijiet oħra qabżet l-€1000. Hija kienet ukoll tipperċepixxi l-*allowance* tat-tfal mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, liema benefiċċju kien jitħallas direttament fil-kont bankarju tagħha. Għas-snin 2009, 2010 u 2011, hija rċeviet is-somma ta' €500 kull sena għaż-żewġ ulied, liema ammont tela' għal €700 fis-sena 2012.

Il-konvenuta tallega[60] illi sa' Settembru 2016, żewġha kellu arretrati li jlaħħqu s-somma ta' €5112.35 f'dak illi jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni ta' uliedu u dana stante illi mill-ħruġ tad-digriet f'Novembru 2013 sa Settembru 2016 huwa ħallas biss is-somma ta' €238. Il-konvenuta b'mod konsistenti kienet qed tesebixxi kopja tal-irċevuti relattivi sija mal-istess nota ppreżentata kif ukoll mad-diversi rikorsi u risposti minnha intavolati dwar il-mantiment. Il-Qorti fliet dawn l-irċevuti u filwaqt li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ġustifikati, hemm oħrajn li m'humiex u dana per eżempju peress li xi riċevuti jirreferi għall-kotba tal-qari, iktar milli kotba tal-iskola (textbooks).

In vista tad-diffikolta' li rriskontrat il-konvenuta sabiex titħallas għal dawn l-ispejjeż, il-Qorti qiegħda tvarja d-digrieti preċedenti

---

[56] Fol. 606 et. seq

[57] Ara l-payslips esebiti fol. 623 et seq.

[58] Fol. 226 u fol. 573

[59] Dok. BOV 3

[60] Nota ppreżentata bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, fol. 1050

tagħha u tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull xahar[61] għal kull wieħed minn uliedu li huma minuri jew li għadhom jistudjaw u dana sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew ikunu jaħdmu b'mod fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment li qed jiġi ordnat, ikun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess ulied. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-attur.

Rigward l-arretrati tal-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, minkejja li jirriżulta li hemm ammont dovut mill-attur lill-konvenuta li jeċċedi l-€5,000, il-Qorti tordna illi l-attur ma jħallas xejn minnhom u dana stante li l-istess qed jiġu paċuti mal-kumpens dovut lill-attur, għall-assenjazzjoni favur il-konvenuta tal-mobbli kollha li jinsabu fil-fond li sal-lum kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament billi tiddikjara li l-konvenuta għandha ħtijiet għall-firda, iżda mhux unikament, stante li l-attur għandu ħtijiet ikbar;

[3] Tiċħad it-tielet talba attriċi;

[4] Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet;

[61] Tenut kont illi, b'effett tal-preżenti, l-konvenuta lil uliedha issa trid tipprovdilhom ukoll saqaf fuq rashom.

[5] Tilqa’ l-ħames tar-rikorrenti u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti skont il-provvedimenti tat-tielet parti ta’ din is-sentenza

**3. <u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti;</u>**

[6] Tilqa’ s-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet attriċi;

[7] Tilqa’ d-disa’ talba tar-rikorrenti billi tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Raiza tiġi fdata lill-konvenuta; tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta’ tliet mija u ħamsin Ewro (€350) kull xahar għal kull wieħed minn uliedu li huma minuri jew li għadhom jistudjaw u dana sakemm jilħqu l-eta` ta’ tlieta u għoxrin sena jew ikunu jaħdmu b’mod fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel, liema manteniment jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess ulied.

[8] Tilqa’ l-għaxar talba;

[9] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sapporti terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuta.